# IL-BEWSA TAS-SIRENA

*Novella Mitologika ta'* VINCENT CARUANA

IX-XINI ma kellu ebda tama li jagħleb il-ħalel tal-mewġ li kienu qed iħebbu għalih. Għalxejn ħafna mit-tagħbija tiegħu nxteħtet il-baħar. Ir-riħ beda jkisser l-arbli u jċarrat il-qlugħ. Il-mewġ li beda jgħolli x-xini qisu kaxxa sulfarini kien jaħbat ma' ġenbejh u jheżżu sa ma beda jfarraklu issa biċċa minn hawn u issa biċċa minn hemm.

F'daqqa waħda x-xini nqasam tnejn u jien flimkien ma' l-ekwipaġġ kollu sibt ruħi mgħaddas fil-baħar. Kulħadd iggranfa ma' xi biċċa għuda, iżda l-eqreb xatt kien għex'eren ta' mili 'l bogħod u t-tama kenet imbiegħda wisq li xi ħadd minna seta' jeħles l-għarqa. Jiena wkoll qbadt ma' biċċa njama u din inzertat injama minquxa bħala sirena li kienet imqiegħda fil-quddiem tax-xini bħala tifsira ta' l-isem tiegħu, "Bewsa tas-Sirena". Imgħannaq mas-sirena ta' l-injam jiena sibt ruħi tiela' u nieżel ma' l-iskossi tal-mewġ.

Dak il-ħin xegħlet berqa u jien deherli li rajt għajnejn is-sirena ta' l-injam jiċċaqalqu, iżda malajr tajjart dan il-ħsieb bħala qerq l-għajnejn, aktarx minħabba l-biża' ta' dak il-ħin. Xegħlet berqa oħra u did-darba—ħaġa li ma titwemminx—rajt wiċċ is-sirena ta' l-injam jitbissimli. Għalkemm biex insalva ħajti kont inżomm magħha, bil-qatgħa li ħadt tlaqt idejja u għodost. Meta rasi reġgħet feġġet minn taħt wiċċ il-baħar, insib tfajla qiegħda tgħum li malli tfaċċajt fil-wiċċ żammitni minn taħt abti u qaltli: "Jiena rrid neħilsek", u reġgħet tbissmitli għat-tieni darba.

Fuq ix-xini ma kienx hemm nisa. Mela minn fejn ġiet din it-tfajla? Jiena bdejt inteptep għajnejja u kollni mifxul għajjatt: "Le, jiena ninsab mitluf minn sensija fl-għarfja tal-mewt, u bniedem sturdut għandu mnejn jista' jara xbihat qarrieqa bħal min joħlom".

"Le", qaltli dik it-tfajla li bdiet tgħum bija 'l bogħod minn fejn tkisser ix-xini, "inti la inti barra minn sensik u lanqas qiegħed toħlom. Inti qiegħed tara sewwa. Jiena sirena. Ara hux veru", u dak il-ħin ħareġ jittawwal minn taħt il-baħar id-denb ta' ħuta tagħha li jiena kont għadni ma rajtux għax kien il-ħin kollu 'l isfel taħt wiċċ l-ilma.

Hija kienet qiegħda tiġri tgħum bija waqt li jien inħares wiċċi f'wiċċha mgħaġġeb. Stajt nifhem illi għall-għawm għandha

saħħa barranija. "Qiegħed nemmen", għidtilha, x'ħin neħħejt minn wiċċi l-ħarsa ta' mistagħġeb. Imbagħad tbissimtilha jien ukoll u komplejt ingħidilha: "Sirena sabiħa, liema hu l-eqreb xatt fejn tista' teħodni?"

"Jiena ma jien sa nieħdok fl-ebda xatt", qaltli hi b'ħarsa nebbiexa f'għajnejha.

"Tajba din!" bdejt inħaqqaq jien. "Inti m'għidtx li trid teħlisni? Jekk ma twassalnix lejn xi xatt kif trid teħlisni; tibqa' ħajtek kollha żżommni hekk f'wiċċ il-baħar? Għax naħseb li fl-aħħar tgħeja żżommni. Jew forsi taf b'xi xini ieħor li jinsab għaddej minn ibħra iżjed kwieti u sa teħodni lejh biex jarawni u jtellgħuni?"

"La sa nwasslek lejn xtut u lanqas lejn xwieni oħra", u mill-lajma ta' kliemha dehret li trid tħallini apposta bil-kurżità.

"Mela sa tibqa' għal dejjem iżżommni f'wiċċ l-ilma?" irġajt saqsejtha dejjem nitlef is-sabar.

"Lanqas" tbissmitli.

"Mela jfisser li inti sa titlaqni; sa tħallini negħreq" għidtilha, issa għalkemm mhux infuskat.

"Le, xejn minn dan. Jiena għandi mod kif neħilsek; jekk inti taċċetta".

"U żgur li naċċetta!"

"Mela ismagħni".

Issa konna waslna f'baħar kalm mijiet ta' mili 'l bogħod minn fejn iken tfarrak ix-xini, u hi bdiet tfehimni.

"Jiena ġejt neħilsek għax naf li meta x-xini kien għadu bla isem inti għidt lill-kaptan biex isemmih 'Bewsa tas-Sirena'. Naf ukoll li waqt il-vjaġġ inti kont fil-kabina tiegħek u ktibt poeżija jisimha 'L-Imħabba tas-Sirena", fejn għidt li tixtieq tiltaqa' ma sirena li int issir tħobbha u tgħix magħha f'qiegħ il-baħar".

"Iva! Dan kif tafu!" stagħġibt jien.

"Ma tafx li aħna s-sireni ħlejqiet imsaħħrin? Aħna nkunu nafu kulma jsir jew jintqal fuqna. Nafu, ngħidu aħna, kull fejn hemm statwa jew pittura ta' sireni. Insomma, nafu kollox li għandu x'jaqsam magħna s-sireni. Affarijiet oħra, iżda, ma nkunux nafuhom".

"Oh! inti ġejt mis-sema għalija!" għidtilha.

"Le", qaltli, "jiena ġejt minn qiegħ il-baħar".

It-tnejn dħakna bil-qalb għal din iċ-ċajta, u issa hija telqet idejha minn taħt abti u ħallietni ngħum ftit fil-baħar kalm.

Imma tista' tgħidli kif sa teħlisni?'' saqsejtha b'ħerqa kbira, ''Jekk tħallini hawn waħdi xorta negħreq għax ma jkollix saħħa ngħum lejn l-eqreb xatt li min jaf kemm huwa mili 'l bogħod. U kieku stess, lejn liema naħa sa naqbad ngħum?''

''Jiena sa nfiehmek kollox. Billi int ktibt dik il-poeżija lis-sirena u għażilt l-isem tax-xini għas-sirena wkoll, is-Sultan tal-Baħar, Nettunu, bagħatni biex neħilsek mill-għarqa. Ma kinitx b'kumbinazzjoni li int qbadt ma' dik is-sirena ta' l-injam. Jien imbagħad żammejtek ipnotizzat ftit sakemm neħħejtlek minn idejk is-sirena ta' l-injam u jien qgħadt minflokha. U hekk sibt ruħek iżżomm lili flok l-istatwa''.

Is-sirena qatgħet kliemha biex qaltli: ''Meta tgħeja tgħum għidli biex nerġa' nżommok''.

''Għalissa le'', għidtilha.

U hi kompliet: ''Inti tista' teħles mill-mewt, mill-għarqa, billi jiena nagħtik is-setgħa li int tgħix taħt il-baħar, jiġifieri bħalna ma tmutx taħt wiċċ l-ilma. Inti tibda tgħix magħna s-sireni f'qiegħ il-baħar u tgħaddi ħajja ta' hena. Malli jien inbusek inti tieħu s-setgħa li tgħix taħt il-baħar. Inti trid li......''

''Imma għaliex ma teħodnix lejn xi xatt?'' qtajtilha kliemha.

''Għaliex ilu mijiet ta' snin kien hemm sirena li Nettunu taha l-permess li teħles mill-għarqa lil wieħed pittur bħala grazzja maqlugħa lilu għax kien iħobb ipitter is-sireni. Din is-sirena wasslitu fuq gżira u qaltlu li saret tħobbu, iżda hu ma riedx jgħix taħt il-baħar magħha għax kien ġà miżżewweġ u kellu t-tfal. Is-sirena reġgħet lura f'qiegħ il-baħar qalbha maqsuma. Għalhekk Nettunu jrid li int jew tagħżel li tgħix taħt il-baħar u tiżżewweġ xi sirena jew jien nitilqek hawn bejn sema u ilma. Nettunu jidhirlu wkoll li billi int għażeb u billi għidt fil-poeżija il tixtieq tħobb xi sirena li tgħix magħha f'qiegħ il-baħar, issa li ġietek ix-xoqqa f'moxtha li tagħmel dan, ma tkunx poeta sinċier jekk issa tista' taqta' xewqtek u tarmiha. Issa agħżel int''.

''Jiena m'għandix għażla; ikolli nilqa' l-ħsieb ta' Nettunu'', wiġibtha. ''U erġa' żommni għax għajejt ngħum''.

Hi żammitni u qaltli: ''Mela issa jien inbusek u mal-bewsa int tieħu s-setgħa li tgħix taħt il-baħar bla ma tmut minħabba n-nuqqas ta' nifs. Imbagħad qatt iżjed ma tkun tista' tmur tgħix

qalb il-bnedmin l-oħra għax jekk iddum ġimgħa barra mill-ilma inti tmut. Fhimtni tajjeb?''

''Iva''.

''Mela issa nbusek''.

U hemm, bejn sema u ilma, bisna 'l xulxin imgħanqin, imbagħad għodosna u nżilna ngħumu f'qiegħ il-baħar; hi tgħum quddiem biex jien ngħaddi warajha.

Fl-aħħar wasalna f'għar f'qiegħ il-baħar li l-blat tiegħu kien magħmul kollu minn kristalli jleqqu b'ilwien imżewqa. F'dan il-għar kien jgħammar is-Sultan tal-Baħar, Nettunu. Fid-daħla tal-għar kien hemm żewġ sireni rġiel għassa. Is-sirena li kienet miegħi kellmet lil wieħed minnhom u dan daħal jgħum ġewwa l-għar jaqdef b'daqqiet sodi ta' denbu. Hawn sirt naf li taħt il-baħar is-sireni jistgħu jitkellmu bla tfixkil.

Wara ftit ħareġ Nettunu. Fuq rasu kellu kuruna magħmula minn għadd ta' foxxniet żgħar ħdejn xulxin. Xagħru kien magħmul minn ħaxix aħdar tal-baħar u alka mħabblin f'xulxin. Jiddendel minn spallejh kellu manteli magħmul minn qxur ippuntati tal-ħut waħda f'waħda. Sidru kien muswaf iżda kien xagħar abjad mgħaqqad qisu ġelatina ddellek. Il-qalziet tiegħu kien jasal imxammar minn qisu lewlu aħmar meħjut iffullat u b'kull lewla taqbad fuq l-oħra. Dan il-lewlu kien magħmul minn qxur imfarrak ta' bebbux ħamrani. Il-ħmura tal-lewlu kienet ittikkjata 'l hinn u 'l hawn bil-perli bojod ileqqu jiddendlu meħjutin. F'idejh kellu l-foxxna. Huwa ħares lejja b'wiċċ imfaqqa' u daħkan bħallikieku ried jurini l-għoġba tiegħu talli jien ilqajt xewqtu li nibqa' ngħix f'qiegħ il-baħar f'saltnatu. Imbagħad fetaħ ħalq b'xofftejn ħomor qishom ta' ħuta ta' l-ilma ħelu u qalli: ''Merħba bik fis-saltna saħħarija ta' qiegħ il-baħar''.

''Inroddlok ħajr u merħba bik'', għidtlu jien fil-waqt li tbaxxejt b'rasi 'l quddiem bħala tislima.

Wara tlitt ijiem jien kelli nagħżel sirena u nżżewwiġha. Ma hemmx għalfejn wieħed idum jaħseb wisq biex jinduna li jien żżewwiġt lil dik is-sirena li ħelsitni mill-għarqa u li, kif sirt naf, jisimha Lulisa. Kien Nettunu stess li żewwiġna u dak in-nhar saret f'qiegħ il-baħar festa kbira. Bħala mwejjed kien hemm blat ċatt miksi b'ħaxix aħdar żgħir qisu pil tal-bellus. Bħala ikel kien hemm il-frott kollu li wieħed isib fl-għelieqi fuq l-art, għax f'din in-naħa ta' qiegħ il-baħar jikbru s-siġar l-istess bħal fuq l-art. Is-

sireni jieklu l-frott biss. Huma ma jeklux gandoffli, imħar, rizzi, granċi jew bebbux għax lil dawn iqisuhom bħala ħolqien bil-ħajja u li wieħed m'għandux joqtolhom bie jikolhom. Li wieħed jiekol minn dawn għas-sireni jfisser kannibaliżmu.

Bħala xorb għandhom l-inbid li jagħsru mill-għeneb. Waqt it-tieġ bdejna nixorbu l-inbid minn tazez tal-kristall u tistagħġeb kif l-inbid ta' ġot-tazza ma jitħallatx ma' l-ilma baħar.

Għas-sejħa ta' Nettunu ġew miljuni ta' ħut sbieħ b'ilwien ħomor, ħodor, koħol, sofor u kull tiżwiq ta' lwien oħra. Dawn il-ħut qagħdu jduru għoli ta' kamra fuq rasna u għamlu l-isbaħ tiżjin li wieħed jistħajjel. Kultant kienu jinżlu xi ħut imlewna fil-baxx u jgħaddu minn fuq spallejk jew ftit bogħod minn wiċċek u jduru fil-passaġġi bejn mejda u oħra. Il-ħut dehru li jħobbuh wisq lil Nettunu għax kultant kont tara ħuta li taqbad frotta b'ħalqha, jiġu ħut oħra jgħinuha tqaxxarha b'ħalqhom, imbagħad jieħdu l-frotta mqaxxra u lesta lil Nettunu li kien mixħut bil-qiegħda mxaħxaħ fuq tron b'arzella kbira, wieqfa wara dahru.

Il-ħut ukoll ma jittiklux mis-sireni. Wieħed jista' jaħseb li għax is-sireni ma jistgħux iqabbdu n-nar taħt l-ilma biex isajru l-ħut. Iżda mhux għalhekk. Is-sireni xorta jistgħu jqabbdu n-nar taħt il-baħar. F'qiegħ il-baħar fejn jgħixu ssib bosta vulkani ċkejknin li meta tħokkilhom il-quċċata b'xi biċċa żnied idumu jtajru nar għal siegħa; imbagħad jintfew u terġa' tħokk biż-żnied. Hi tassew ħaġa ta' gost li man-nar ma joħroġx duħħan li jdejqek u jifgak. Fil-għaxija f'qiegħ il-baħar tara bosta ħġejjeġ minn tal-vulkani jixegħlu 'l hinn u 'l hawn u ħdejn kull ħuġġieġa xi żewġ sireni, raġel u mara, jinnamraw. Jien kont inkunu ukoll ma' Lulisa fuq blata ħdejn xi ħuġġieġa taħt xi siġra li tikber fil-baħar. U tassew fih gost il-bews ta' qiegħ il-baħar meta xofftejn friski u nidjin imissu 'l xulxin f'bewsa melliesa. Il-bews ta' qiegħ il-baħar mhux bews sħun; huwa bews kiesaħ li jnissillek dehxa sabiħa ta' kesħa.

Hekk, waqt li nkun inbus lil Lulisa nara għaddej fuq rasna ħut li ġisimhom jarmi d-dawl u billi jkunu fl-għoli jidhru żgħar daqs musbieħ il-lejl, u fuq rasek tara bħal sema b'ħafna kwiekeb li jiċċaqalqu 'l hinn u 'l hawn fejn ifettillhom.

Jiena bqajt ingħix ma' Lulisa, is-sirena ta' qalbi. Maż-żmien telagħli wkoll denb bħal tas-sirena, u kellna bħala tfal tagħna sireni żgħar. Kienet tassew ħajja serena dik ta' mas-sireni, fejn ix-

xtieli tal-qiegħ ma jagħmlux għajb lil dawk ta' l-art għal dik li hi sbuħija. Hemmhekk kont noqgħod ukoll nikteb il-poeżiji fuq karti li ma jixxarrbux u linka li jigu jagħtuni l-klamari tal-baħar stess. Il-linka, bħall-inbid, ma titħallatx mal-baħar.

Iżda din il-ħajja ma kellhiex tibqa' sejra hekk għal dejjem Jien irġajt ġejt f'sensija u ndunajt li kont illuppjat. Xi ħadd kien daħal fil-kamra tal-lukanda tiegħi u fil-pakkett tas-sigarretti tiegħi qegħidli sigarrett minn dawk li jkun fihom il-loppju biex min ipejjiphom jibda jara ħafna fantasiji taħt is-setgħa tal-*marijuana* li jkun fih is-sigarrett. Min għamilli dak is-sigarrett ma' l-oħrajn tiegħi kien bilfors xi ħadd li jinnegozja f'dan il-kontrabandu, biex jien naqbad il-misħut vizzju tat-tipjip tal-loppju u hekk jiżdiedu x-xerrejja għas-suq tiegħu. Jien mhux talli ma qbadtx il-vizzju iżda tajt rapport lill-pulizija li għamlu tfittxija fil-lukanda, iżda dnub li ma setgħux jaqbdu min, għax min hu ma ħalla xejn li tista' titfa' ħtija fuqu.

Madankollu sgħobbija ħafna li tlift għal dejjem il-ħajja sabiħa ta' qiegħ il-baħar u l-bews tas-sirena ta' qalbi.